# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Carmel Camilleri**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Carmel Camilleri** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 535265MM li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar it-28 t'Ottubru 2013 għall-ħabta ta' 17:45 39, Triq Salvatore Mallia, Siggiewi dejjaq lil ġirien tiegħu Maria Lourdes Zerafa u żewġha permezz ta' storbju u rwejjaħ.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li l-imputat ġie notifikat fil-11 ta' Frar 2014.

Rat li l-Prosekuzzjoni ma speċifikatx jekk l-imputazzjoni hix waħda delittwali jew kontravvenzjonali. Fiċ-ċirkostranzi il-Qorti qegħda tagħti

l-benefiċċju lill-imputat u qegħda tikkunsidraha bħala dik ta' natura kontravvenzjonali in kwantu anqas oneruża u gravuża. Konsegwentement din l-imputazzjoni hija suġġetta għal preskrizzjoni trimestrali.

# ***Decide***

Għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali tiddikjara lil-proċediment estint minħabba d-dekors tal-preskrizzjoni trimestrali u konsegwentement tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 14 ta' Frar 2014***

***Aaron M. Bugeja***